# Q O R T I Ċ I V I L I
## (Sezzjoni tal-Familja)

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**Illum 10 ta' Lulju 2018**

Rikors Ġuramentat Nru. 223 / 15RGM

Kawża fil-lista: 20

**X Y**
**vs**
**J L**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-kontendenti kellhom relazzjoni u minn din ir-relazzjoni twieled tifel Z L nhar l-20 ta' Novembru tas-sena 2009, u dan kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid relattiv;

2. Illi stante illi din ir-relazzjoni intemmet, ir-rikorrent xtaqet li tirregola l-kura u l-kustodja, l-access u l-manteniment;

3. Illi l-minuri Z jghix ma' ommu, ir-rikorrenti X Y.

4. Illi l-intimat mhux qed ihallas manteniment ghall-minuri b'mod regolari u b'mod konsistenti ghalkemm gie ordnat jaghmel dan skont digriet tat-23 ta' Settembru 2013, fejn hu kien ordnat ihallas l-ammont. ta' tlitt mija u hamsin (€350) fix-xahar;

5. Illi r-rikorrenti hija tal-umli fehma illi l-intimat mhuwiex idoneo li jkollu l-kura u l-kustodja tal-imsemmi minuri ghal ragunijiet illi se jigu mfissra matul il-gbir tal-provi u waqt it-trattazzjoni tal-istess rikors guramentat.

6. Illi r-rikorrenti intavolat ittra ghall-medjazzjoni, liema medjazzjoni ma kinitx ta' success, u ghalhekk giet awtorizztata sabiex tipprocedi b'din l-istanza, u dan kif jidher mid-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datat 1-10 ta' Awwissu tas-sena 2015;

7. Illi r-rikorrenti taf b'dawn il-fatti personalment.

8. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, ir-rikorrenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qortji sabiex :

1. Tafda lir-rikorrenti bil-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri Z, salv l-access tal-intimat ghall-istess minuri.

2. Tillikwida u tiffissa manteniment, li ghandu jizdied minn sena ghal sena skont l-indici tal-gholi tal-hajja, ghall-minuri Z u tiddeciedi illi l-istess ghandu jibqa' jigi vversat favur ir-rikorrent, sakemm il-minuri jaghlaq it-tmintax-il sena jekk jiddeciedi li jieqaf mill-istudji tieghu u jibda jahdem fuq bazi full time, jew sa tlieta u ghoxrin sena jekk jiddeciedi li jkompli bl-istudji tieghu fuq bazi full time u tordna lill-intimat sabiex jhallas il-manteniment hekk kif likwidat; u dan flimnkien mal-ispejjez kollha ta' sahha u edukazzjoni tal-istess minuri;

3. Tillikwida u tikkundanna l-intimat ihallas dawk l-arretrati ta’ manteniment illi hu naqas illi jhallas skont digriet datat it-23 ta’ Settembru 2013;

4. Taghti dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni li jikkoncernaw lill-minuri Z, fosthom izda mhux limitatament dwar kif ghandu jigi regolat is-safar tal-minuri, l-attendenza tal-minuri ghall-iskola u attivitajiet edukattivi ohra u extra-kurrikulari, u dan kollu taht kull provvedirnent xiererq u opportun li joghgobha taghti din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez, kontra l-intimat illi minn issa qieghed ingunt ghas-subizzjoni.

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tat-30 ta’ Gunju 2016 fejn deher personalment il-konvenut li gie notifikat ‘seduta stante’ bir-rikors guramentat, bl-avviz tas-smiegh u b’kopja tad-digriet tas-26 ta’ Ottubru 2015;

Rat x-xhieda tal-attrici li xehdet fis-seduta tal-25 ta' Novembru 2016 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat ix-xhieda ta' Joyce Agius, ghad-Direttur tal-Qrati Kriminali li xehdet fis-seduta tat-12 ta' Mejju 2017 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

B'Digriet moghti 'seduta stante' fit-22 ta' Frar 2018[1] il-konvenut gie awtorizzat jipprezenta risposta guramentata bil-visto tal-avukat tal-attrici fi zmien 20 jum minn meta l-istess verbal jigi kkommunikat lill-avukat tieghu, pero l-ebda risposta ma giet ipprezentata u b'verbal registrat fl-udjenza tat-12 ta' Gunju 2018 gie dikjarat lil-konvenut baqa' kontumaci.

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tat-12 ta' Gunju 2018 fejn gie ddikjarat li l-konvenut baqa' kontumaci u l-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza.

**IL-PROVI**.

**X Y, l-attrici,** xehdet fis-seduta tal-25 ta' Novembru 2016, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju.[2] Hi ddikjarat li kellha relazzjoni mal-konvenut J L u kellhom tifel li twieled fl-20 ta' Novembru 2009. F'dak iz-zmien il-konvenut kien iqatta' hafna hin ma' shabu u kien ipejjep il-haxixa. Wara li twieldet it-tarbija l-attrici telqet mid-dar ta' ommha u f'Jannar 2010 marret tghix mal-konvenut f'post go Bormla li kien propjeta ta' missieru. Darba kellhom xi jghidu u qalilha li jaqbad u jgaralha lit-tifel mill-cot, tlett sulari l-isfel. Hi ppanikjat u qabdet lit-tifel u marret fil-kcina. Hu pprova jaqbad lit-tifel izda ma halliethux u dak il-hin ' qisu kkalma'. Hi cemplet lill-missieru li kien joqghod il-Birgu biex jigi malghajr, u dan wasal wara xi nofs siegha. Hu ghamel ghal ibnu u gew fl-idejn, u missieru b'rispett taghha u tat-tifel qallu biex jitlaq 'barra mid-dar u l-konvenut telaq. Kellhom xi ghidu fuq €50. Il-konvenut kien taha dawn il-flus li bihom kienet ser tixtri xi affarjiet ghat-tifel, cempel lil xi habib bil-mobile u insista li jiehu il-flus lura. Gew fl-idejn ghax hi riedet tara il-mobile tieghu, u billi hi bezghet mit-theddied tieghu li jarmi lit-tifel 'l isfel, taghtu l-flus lura. Ftit wara gie siehbu wara l-bieb u l-konvenut bl-istess €50 hallas lill-habib li gablu blokka tal-haxixa. Hi rat kollox mill-gallarija.

L-attrici tghid li kienet twissi lill-konvenut li kellu jaghzel jew lilha jew il-haxixa. Il-konvenut, pero' baqa' jpejjep il-haxixa, u kien jigri barra bil-karozza ta' ommha stess, u kemm-il darba qalilha li kien jmur man-nisa bil-karozza ta' ommha, waqt li l-attrici kienet tkun ix-xoghol. Ftit qabel xehdet, cemplulha il-Pulizija biex tmur

[1] Fol 53.
[2] Fol 35 et seq.

tigbor lill-konvenut min Mater Dei; hi qaltilhom li ma kintix ghadha mieghu u li ghandha tifel ta' sitt snin minnu li l-konvenut lanqas irid jaf bih.

Hi kienet tirrapportah l-Ghassa meta ma kienx ihallasha manteniment u b'rizultat tal-proceduri fil-Qorti l-konvenut hallasha s-segwenti:

Fl-1 ta' Frar 2015 hallasha €100
Fl-24 ta' Frar 2016 hallasha€350
Fl-25 ta' Frar 2016 hallasha €350
Fit-30 ta' Marzu 2016 hallasha €200
F'April 2016 hallasha €200 u
Fil-15 ta' Novembru 2016 hallasha €200.

L-attrici annettiet ma' n-nota taghha pprezentata fit-12 ta' Gunju 2018, dokument markat, Dok RB3,[3] li minnu jirrizulta li l-konvenut ghamel tlett pagamenti ohra:

Fit-30 ta' Novembru 2016 hallas €180
Fit-28 ta' April 2017 hallas €200 u
Fid-19 ta' Jannar 2018 hallas €200.

Jirrizulta mir-rikors ipprezentat mill-konvenut fid-29 ta' Mejju 2015,[4] li hu spicca bla xoghol u skonta diversi sentenzi ta' gimghat fil-habs, wara li l-attrici pprocediet kriminalment kontrih minhabba nuqqas ta' hlas tal-manteniment ghall-minuri.

L-attrici tghid li dawn kienu l-ammonti kollha li l-konvenut hallas bhala manteniment mhux minn rajh izda b'rizultat tal-proceduri fil-Qorti.

Hi ghamlet referenza ghad-digriet ta' din il-Qorti tat-23 ta' Settembru 2013, li ordnat li b'effett mill-1 ta' Awwissu 2013 il-konvenut kellu jhallas €350 fix-xahar manteniment ghall-minuri Z L. L-attrici tghid li ghalkemm accettat li jaghtiha €200 hu fil-fatt lanqas dawn ma hallas. Kien hemm okkazjonijiet meta spicca il-habs billi ma hallax manteniment. Hi ghandha spejjez ohra tat-tifel bhal uniformijiet tal-iskola, izda hu qatt ma jhallas ghal dawn l-ispejjez.

L-attrici qed titlob li jkollha l-kura u kustodja esklusiva tat-tifel Z, billi l-konvenut issa qed ikellem mara ohra u billi jpejjep il-haxixa l-access ghandu jkun taht suprvizjoni.

---

[3] Fol 70.
[4] Fol 66.

B'digriet moghti fl-4 ta' Marzu 2016,[5] fuq talba tal-konvenut, il-manteniment gie ridott ghal €200 fix-xahar.

L-attrici, fit-12 ta' Marzu 2018,[6] ipprezentat rikors fejn iddikjarat li l-minuri kien ser isiefer man-nanna materna fuq cruise bejn l-10 ta' Ottubru u s-17 ta' Ottubru 2018, li l-minuri ghalhekk kellu bzonn passaport u li l-konvenut kien qed jirrifjuta li jiffirma id-dokumenti relattivi. B'Digriet tas-27 ta' April 2018,[7] din il-Qorti laqghet it-talba kif dedotta wara li kkostatat li l-konvenut gie notifikat izda ma pprezenta l-ebda risposta.

**Sandra Y,** omm l-attrici, xehdet fl-istess seduta.[8] Hi ddikjarat li bintha bdiet tohrog mal-konvenut meta kellha 17 il-sena, u mill-ewwel harget tqila. Lill-konvenut kienet izzommu jghix ghandha b'xejn. Meta kienet tqila kien ihalliha hafna wahedha. Kienu jiggieldu hafna. Hi cemplitlu meta l-attrici kienet ser twelled l-Isptar u hu mar mill-ewwel, pero' xorta baqghu jitlewmu wara li twieled it-tifel. Ix-xhud qalet li billi ghandha dar zghira u ghandha xebba ohra single mother ma setghetx izzom lill-attrici wkoll f'darha.

X u J iddecidew li jmorru jghixu ghand missieru li kien jghix wahdu, pero' kienu jiggieldu hafna. Tghid li l-konvenut qatt ma ta kaz tat-tifel, daqqa' jghid li hu tieghu u daqqa' jghid li mhux tieghu. Tghid li fetah kawza biex jghid li t-tifel mhux tieghu u ma jurix interess fit-tifel. Tghid li lill-konvenut ma tarahx, u li lanqas ghall-pracett tat-tifel ma attenda.

**Joyce Agius, in rapprezentanza tad-Direttur tal-Qrati Kriminali,** xehdet fis-seduta tat-12 ta' Mejju 2017 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju.[9] Hi pprezentat lista ta' kawzi li l-konvenut ghandu quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Mid-Dok JA1 minnha ezebit jirrizulta lil-konvenut ghandu tlett kawzi pendenti, wahda quddiem il-Magistrat Dottor Ian Farrugia fuq akkuza ta' frodi, ohra quddiem il-Magistrat Dottor Natasha Galea Sciberras fuq akkuza ta' pussess ta' droga u ohra quddiem il-Magistrat Dottor Antonio Micallef Trigona fuq akkuza ta' rapport falz.

## KONSIDERAZZJONIJIET.

L-attrici qed titlob li tigi fdata bil-kura u kustodja esklusiva ta' binha Z li twieled fl-20 ta' Novembru 2009 minn relazzjoni li kellha mal-konvenut. Qed titlob ukoll li jigi ffissat il-manteniment li l-konvenut ghandu jigi ordnat ihallas ghall-minuri,

---

[5] Fol 69.
[6] Fol 55.
[7] Fol 58.
[8] Fol 38.
[9] Fol 44.

kif ukoll li jigi ordnat ihallas l-arretrati tal-manteniment wara d-digriet tat-23 ta' Settembru 2013 u li jinghata kull provediment opportun dwar safar tal-minuri, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri.

**KURA U KUSTODJA TAL-MINURI.**

Mill-provi jirrizulta li l-minuri Z jghix mal-attrici ommu kif ilu jaghmel mit-twelid tieghu. Lil missieru, l-konvenut, bil-kemm jafu billi dan qatt ma wera interess fih. It-tifel illum ghandu kwazi 9 snin u jattendi l-iskola.

Mix-xhieda tal-attrici rrizulta li l-konvenut jpejjep il-haxixa u mid-Dok RB1, anness ma' nota tal-attrici pprezentata fit-12 ta' Jannar 2018,[10] irrizulta li l-konvenut gie akkuzat fil-Qorti Kriminali tal-Magistrati bi traffikar u pussess tal-Cannabis u bil-pussess ta' Kokajina.

Irrizulta, in oltre, li meta l-attrici kellha bzonn il-firma tieghu biex il-minuri, li kellu jsiefer man-nanna materna, jkollu passaport, il-konvenut irrifjuta u l-attrici kienet kostretta titlob l-intervent tal-Qorti sabiex b'digriet tas-27 ta' April 2018 awtorizzat is-safra.

Mill-provi migbura il-Qorti tikkonkludi illi l-konvenut mhux idonju biex jkollu jew jaqsam mal-attrici l-kura u kustodja tal-minuri. Fl-ahjar interess tal-minuri il-Qorti qed tiddeciedi illi l-omm tkun esklussivament fdata bil-kura u kustodja tal-minuri

In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet "**Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud"** deciza mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Marzu 2014 fejn il-Qorti enfasizzat li fejn jidhlu l-minuri huwa ta' applikazzjoni assoluta l-Artikolu 149 tal-Kap 16 li jaghti poter lill-Qorti taghti kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri.

Fil-kawza fl-ismijiet "**Mario Darmanin vs Annalise Cassar"** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Ottubru 2014 ntqal:

" …meta tigi biex tiddecidi dwar kura u kustodja ta' minuri, il-Qorti ma ghandhiex tkun iddettata u kondizzjonata mill-meriti u demeriti tal-partijiet 'ut sic' izda biss x'inhu l-ahjar interess tal-minuri. (vide per ezempju **Magro vs Bonett** 11 ta' Dicembru 2003 u **Portelli vs Portelli**, 25 ta' Gunju 2003- Prim'Awla)"

[10] Fol 63.

"Il-Qorti qed tiskarta t-talba ghal kustodja kongunta ghaliex bhala sistema m'hijiex prattikabbli meta il-genituri ma jiftehmux bejniethom" (**Miriam Cauchi vs Francis Cauchi**-Qorti tal-Appell, 3 ta' Ottubru 2008).

Huwa evidenti ghal din il-Qorti illi hu fl-interess suprem tal-minuri li l-attrici ommu tigi fdata esklusivament bil-kura u kustodja tieghu.

**MANTENIMENT.**

Il-provvedimenti legali fil-Kodici Civili dwar id-dover tal-genituri li jipprovdu manteniment lill-uliedhom huma s-segwenti:

**Artikolu 7.**
(1) Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, ighallmu u jedukaw lill-uliedhom bil-mod kif stabbilit fl-artikolu 3B.

**Artikolu 19.**
(1) Fil-manteniment jidhlu l-iekel, l-ilbies, is-sahha u l-abitazzjoni.
(2) Fil-manteniment li ghandu jinghata lill-ulied u dixxendenti ohra, jidhlu wkoll l-ispejjez mehtiega ghas-sahha u ghall-edukazzjoni taghhom.

**Artikolu 20.**
(1) Il-manteniment ghandu jinghata skont il-bzonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min ghandu jaghtih.

Il-partijiet genituri tal-minuri, m'humiex mizzewgin lil xulxin. L-obbligi ta' manteniment tal-ulied ta' genituri li ma jghixux flimkien, huma l-istess sia jekk il-genituri huma mizzewgin lil xulxin, kif ukoll jekk ma jkunux mizzewgin. Issir referenza ghalhekk ghall-provvedimenti tal-Kodici Civili dwar il-manteniment tal-ulied f'kaz ta' firda tal-genituri mizzewgin :-

**Artikolu 54.**

-omissis-

(2) L-ammont tal-manteniment imsemmi fis-subartikolu (1), kif ukoll il-manteniment dovut lill-ulied fil-kaz ta' firda, jigi stabbilit billi jitqiesu l-mezzi tal-mizzewgin, il-hila taghhom li jahdmu u l-bzonnijiet taghhom, u ghandhom jitqiesu ukoll ic-cirkostanzi l-ohra kollha tal-mizzegin u tal-ulied……….

Il-Qrati taghna konsistement irritenew illi l-quantum tal-manteniment tal-minuri pagabbli mill-genitur li ma ghandux il-kustodja tal-minuri jigi stabbilit wara

apprezzament li l-Qorti trid taghmel tal-fatti migjuba quddiemha fid-dawl tal-provvedimenti legali citati 'supra'.

In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet "**Angela Conti vs Lawrence Bonnici"** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Frar 2015 fejn ntqal:

"Wiehed l-ewwelnett ghandu jifhem li f'ezercizzju bhal dak li taghmel Qorti meta tiffissa hlas ta' manteniment l-istess Qorti tkun qed taghmel apprezzament tal-fatti li jkollha quddiemha u mbaghad skont l-artikoli fuq imsemmija tal-Kodici Civili tasal ghall-konkluzjoni taghha dwar x'ghandu jkun l-ammont gust li jithallas".

Fil-kaz in ezami l-provi dwar il-mezzi tal-partijiet huma skarsi ghall-ahhar. Jirrizulta li f'xi zmien il-konvenut kellu impieg, pero' ma rrizultaw l-ebda dettalji ohra, la x'kien l-impieg u wisq anqas r-rimunerazzjoni. Fir-rikorsipprezentat fid-29 ta' Mejju 2015, il-konvenut iddikjara li spicca bla xoghol u ghalhekk sab ruhhu fl-impossibilita' li jhallas il-manteniment skont id-digriet tat-23 ta' Settembru 2013, in fatti, b'digriet tal-4 ta' Marzu 2016 l-manteniment ta' €350 fix-xahar gie ridott ghal €200 fix-xahar.

L-attrici ukoll naqset milli taghti informazjoni dwar l-mezzi taghha. Meta allegat li l-konvenut kien johrog ma' nisa ohra bil-karozza ta' ommha, qalet li dan kien jaghmlu waqt li hi kienet tkun xoghol; pero' qatt ma kkumentat dwar x'kien ix-xoghol taghha u x'kienet taqla' minn dan ix-xoghol. Ghalkemm ma rrizultax mill-provi, presumibilment billi l-minuri jghix maghha tircevi c-Children's Allowance.

Ma jirrizultax li l-konvenut huwa inkapaci li jahdem. Nonostante li inghata l-opportunita' li jipprezenta risposta guramentata huwa naqas milli jaghmel dan. Ghalkemm huwa minnu illi l-kontumacja ma hiex ammissjoni izda ghandha tigi meqjusa bhala opposizzjoni ghat-talbiet attrici, fejn jidhlu l-ulied huwa l-obbligu ta' kull genitur illi jaghti l-kontribut mehtieg ghall-htigijiet kollha tal-minuri sew spejjez relatati ma' residenza, hwejjeg u ikel kif ukoll dawk relatati ma' sahha u edukazzjoni.

Sabiex genitur jigi ezonerat mill-obbligu statutorju tieghu li jmantni adegwatament lill-uliedu, huwa mehtieg li ssir il-prova li l-genitur qieghed fl-impossibilita' li jmantni lil uliedu minhabba impediment legittimu bhal perezempju inkapacita' permanenti serja li tirrendih inkapaci li jahdem.

Tali obbligu statutorju ma jinhelisx billi wiehed jghix hajja xellerata jew ta' mzewqa b'attivitajiet kriminali.

Fil-kaz odjern ma tresqet l-ebda prova li l-konvenut qieghed fl-impossibilita' li jahdem. Fic-cirkostanzi l-Qorti qed tiddeciedi illi l-konvenut ghandu jhallas lill-

attrici bhala manteniment ghall-minuri Z s-somma ta' mitejn Euro (€200) fix-xahar li tinkludi fiha l-kontribuzzjoni tal-konvenut ghall-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha tal-minuri.

L-attrici qed titlob ukoll li l-konvenut jigi kkundannat ihallas l-arretrati tal-manteniment li naqas li jhallas skont id-digriet tat-23 ta’ Settembru 2013 fejn il-manteniment kien gie iffissat fl-ammont ta’ €350 fix-xahar.

L-attrici elenkat il-pagamenti li saru mill-konvenut fid-Dok RB3 hawn fuq gia’ msemmi.

Hi l-fehema konsiderata ta’ din il-Qorti, li stante c-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, filwaqt li kkonsidrat il-pagamenti li effettwa l-konvenut akkont tal-manteniment dovut, ser tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici bhala manteniment ghall-minuri s-somma ta' mitejn euro (€200) fix-xahar.b'effett mid-data tad-digriet tal-4 ta' Marzu 2016. Il-pagamenti li saru mill-konvenut ghandhom jitqiesu li gew effettwali ghall-manteniment dovut ghaz-zmien antecedenti l-4 ta' Marzu 2016.

**DECIDE.**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi:

1. Tilqa’ l-ewwel talba tal-attrici u tafdalha l-kura u kustodja esklusiva tal-minuri Z ad eskluzzjoni tal-konvenut;

2. Tilqa’ t-tieni talba tal-attrici, tiffissa l-manteniment ghall-minuri Z fl-ammont ta’ mitejn euro (€200) fix-xahar b'effett mill-4 ta' Marzu 2016 u tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici dan l-ammont, li jithallas kull l-ewwel tax-xahar, sakemm il-minuri jaghlaq tmintax il-sena jew sakemm jaghlaq tlieta u ghaxrin sena jekk jkompli jistudja fuq bazi full time, ammont li jizdied kull sena skond l-Indici tal-Inflazzjoni pubblikat mill-Gvern biex jaghmel tajjeb ghal-gholi tal-hajja, liema ammont jinkludi l-kontribuzzjoni tal-konvenut versu l-ispejjez ta’ sahha u edukazzjoni tal-minuri;

3. Tilqa’ limitatament it-tielet talba tal-attrici u tordna li l-konvenut ihallas l-arrettrati tal-manteniment b’effett mill-4 ta’ Marzu 2016.

4. Tilqa' r-raba' talba attrici, tordna illi decizzjonijiet dwar safar tal-minuri, dwar hrug ta' passaport tal-minuri, dwar l-edukazzjoni u sahha tal-minuri, inkluz attivitajiet extra kurrikulari tal-minuri, ghandhom jittiehdu esklussivament mill-omm.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Imhallef** **Deputat Registratur**